MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 651/2010

**Ramel u Zrar Limited**

***kontra***

**Black Top Limited**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-28 ta` Gunju 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi l-esponenti Ramel u Zrar Limited tinsab kreditrici tas-socjeta' intimata Black Top Limited fis-somma komplessiva ta' disgha u tmenin elf sitt mija u tnejn u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€89,632.75) dovuti kwantu ghal erbgha u sebghin elf mitejn u tlieta u disghin Ewro u hamsa u sittin centezmu*

*(€74,293.65) bilanc ta' prezz ta' ramel u zrar fornut lilha mill-esponenti fuq ordnijiet tal-istess socjeta' intimata, u l-bilanc ta' hmistax-il elf tliet mija u disgha u tletin Ewro u ghaxar centezmi (€15,339.10) imghaxijiet skond l-invoices, kif jirrizulta mill-istatement hawn anness (Dokument A);*

*2. Illi bl-ittra ufficjali tal-10 ta' Novembru 2009 (Dokument B), l-esponenti interpellat ufficjalment lis-socjeta' intimata sabiex thallasha l-bilanc tal-prezz, u l-imghaxijiet, dovuti sa dakinhar;*

*3. Illi minkejja li s-socjeta' intimata accettat l-istatement ta' dan id-dejn, u qablet mieghu, sal-lum hija baqghet ma hallset xejn minnu lill-esponenti;*

*4. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut, u fil-fehma tal-esponenti s-socjeta' intimata ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba taghha ghall-hlas tal-ammont imsemmi;*

*Ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li tista' tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti joghgobha:*

*i. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili; u*

*ii konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' intimata Black Top Limited thallas lill-esponenti s-somma shiha ta' disgha u tmenin elf sitt mija u tnejn u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€89,632.75) bilanc ta'*

*prezz ta' materjal fornut lilha, u imghaxijiet, dovuti kif fuq spjegat.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Novembru 2009, u tal-mandat ta' sekwestru numru 934/2010 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan ir-Rikors Guramentat sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' intimata, li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-kumpannija intimata skond il-ligi.

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Rat li d-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-4 ta` Ottubru 2010 fejn, wara li sabet li l-kumpannija konvenuta kellha eccezzjonijiet validi x`taghti, akkordat lill-kumpannija konvenuta zmien ghoxrin (20) biex tipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-risposta tal-kumpannija konvenuta (fol 18) li taqra hekk –

*Li biha d-diretturi ta` Black Top Limited – Frankie Schembri u Mario Agius jikkonfermaw u jammettu illi Black Top Limited jija debitrici versu l-kumpannija attrici Ramel u Zrar Limited (C13018) fl-ammont indikat fir-rikors u cioe` €89,632.75.*

Rat id-dokument li kien esebit fl-udjenza tal-lum mill-kumpannija attrici.

Rat in-nota prezentata fl-udjenza tal-lum fejn, ghall-fini ta` kjarezza, il-kumpannija attrici ddikjarat li qeghda tammetti t-talba attrici.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi t-talba attrici ghall-hlas ta` €89,632.75 minghand il-kumpannija konvenuta tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-kumpannija intimata, tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba.**

**2. Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici l-ammont ta' disgha u tmenin elf sitt mija u tnejn u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€89,632.75), bilanc tal-prezz ta` materjal furnut lilha, bl-imghax legali kif mitlub.**

**3. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluz dawk** tal-**ittra ufficjali tal-10 ta' Novembru 2009, u tal-mandat ta' sekwestru numru 934/2010.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------